MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 182/2003

**Carmel sive Lino Abela**

**Vs**

**Frank Andrews u martu Jennifer Andrews**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm396.53 (tlett mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) dovuti bhala kera tal-fond lilu mikri fil-Mellieha.

Ra r-risposta tal-konvenut.

Sema` x-xhieda attrici u eamina d-dokument minnhu esibiti.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-12 ta' Frar 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-12 ta' Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------